MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 667/2006

**Joseph Aquilina I.D. Card No. 88556(M) u martu Maria Aquilina I.D. Card No. 4060(G)**

***kontra***

**Dione Bartolo I.D. Card No. 679061(M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-20 ta` Lulju 2006 li jaqra hekk –

*1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 67, fi Triq l-Gholjiet, Mellieha, Malta ;*

*2. Illi fil-granet li ghaddew l-intimat jew nies imqabbda jew awtorizzati minnu bdew xoghlijiet ta` zvilupp, bini u/jew kostruzzjoni, fosthom xogholijiet ta` skavar fuq is-sit fejn qabel kien hemm mibni l-fond bl-isem ta` 'Jummit' fi Triq is-Snajjin, Mellieha, Malta, liema xoghlijiet qed isiru a bazi tal-permess lilu mahrug mill-MEPA numru 4926/2005 ;*

*3. Illi b`tali xogholijiet ta` bini u/jew kostruzzjoni, imma partikolarment xogholijiet ta` skavar u tqattiegh tal-blat illi kien qieghed isir, ma kienux qed jinzammu d-distanzi li trid il-ligi u partikolarment l-Artikolu 439 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta li jitkellem dwar thaffir f`distanzi ta` anqas minn zewg piedi u nofs ;*

*4. Illi nonostante illi l-intimat kien mitlub jieqaf mill-Awtoritajiet tal-Pulizija Esekuttiva li stabbilew illi ma kienux qed jinzammu d-distanzi li trid il-ligi, l-intimat jew nies imqabbda minnu baqghu ghaddejjin bix-xoghol ta` skavar u tqattiegh ta` blat ;*

*5. Illi r-rikorrenti ntavolaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-istess intimat (Inibizzjoni Numru 961/2006), liema rikors gie degretat b`mod definittiv fis-26 ta` Gunju 2006 b`dan illi din l-Onorabbli Qorti ddegretat – tilqa` definittivament it-talba fis-sens illi l-intimati jiskavaw u jqattghu l-blat fid-distanza legali biss ;*

*6. Illi dan id-digriet inghata wara illi fid-19 ta` Gunju 2006 il-Qorti kienet iddegretat billi laqghet it-talba provvizorjament, u minkejja illi tali digriet kien debitament notifikat, l-istess intimat kompla bix-xoghlijiet ta` tqattiegh u skavar tant illi r-rikorrenti ntavolaw rikors ghal disprezz li gie degretat fis-26 ta` Gunju 2006 u din l-istess Onorabbli*

*Qorti ordnat illi r-Registratur tal-Qrati Civili jipprocedi kontra l-intimat a tenur ta` l-Artikolu 1003(a) tal-Kap. 16 ;*

*7. Illi x-xogholijiet ta` tqattiegh ta` blat u skavar li lahaq ghamel l-istess intimat wasslu wkoll ghal hsarat fil-proprjeta` tar-rikorrenti, fosthom bi hsarat fil-bir taghhom, u kif ukoll xi konsenturi u caqlieq ta` qlugh ta` madum fil-fond residenzjali taghhom hawn fuq imsemmi ;*

*8. Illi jekk l-intimat ikompli bit-tqattiegh tal-blat minghajr ma tinzamm id-distanza illi l-ligi trid illi tinzamm, allura r-rikorrenti sejrin ikunu qeghdin isofru pregudizzju rrimedjabbli, partikolarment peress illi minhabba d-dislivell li hemm bejn iz-zewg fondi de quo, allura l-fond tar-rikorrenti li jinsab fil-livell oghla minn dak tal-intimat, jista` jsofri hsarat fil-pedamenti tieghu u jiddghajjef il-blat illi qed izomm il-fond tar-rikorrenti bil-konsegwenza illi l-fond tar-rikorrenti jsofri minn nuqqas ta` stabbilita` strutturali, kollox kif certifikat mill-Perit Arkitett ex parte Joseph Attard ;*

*9. Illi fil-frattemp saru diversi tentattivi ta` transazzjoni bejn il-partijiet li pero` fallew ghaliex l-intimat jibqa` jsostni illi ghandu d-dritt illi jkompli bix-xogholijiet minnu mibdija u jiskava u jqatta` l-blat fid-distanza anqas minn dak li trid il-ligi, u ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed ikunu kostretti illi jintavolaw dawn l-odjerni proceduri skond il-ligi wara illi fil-5 ta` Lulju 2006 giet ipprezentata nota kongunta bejn il-partijiet fejn gie estiz iz-zmien preskritt bl-Artikolu 843(1) tal-Kap.12 ;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet premessi, qeghdin bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tikkonferma l-fuq imsemmi Mandat ta` Inibizzjoni Numru 961/2006 ;*

*2. Tiddikjara illi sar xoghol ta` skavar u tqattigh ta` blat fis-sit hawn fuq indikat proprjeta` tal-intimat u li sar minnu stess jew nies imqabbda minnu, illi huwa llegali ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, in kwantu illi sar tqattiegh ta` blat entro l-limiti ta` distanzi li trid il-ligi ;*

*3. Tordna illi, jekk hemm bzonn taht is-supervizjoni ta` perit nominand, fejn ma thallewx id-distanzi rikjesti mil-ligi, allura l-intimat jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha possibbli u necessarji sabiex jirripristina kollox fl-istat originali tieghu u b`hekk ikunu thallew id-distanzi rikjesti mil-ligi, anke jekk ikunu sistemi alternattivi ghall-blat, purche` illi ghas-sahha u l-istabbilita` tal-fond tar-rikorrenti, tinzamm id-distanza li trid il-ligi ;*

*4. Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-hsarat u danni sofferti mir-rikorrenti fil-fond taghhom hawn fuq indikat, konsegwenza tax-xogholijiet maghmula mill-intimat jew nies imqabbda minnu fil-fond adjacenti ghal dak tar-rikorrenti, proprjeta` ta` l-intimat ;*

*5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti in linea mat-talba precedenti, jekk hemm bzonn bil-hatra ta` perit nominandi ;*

*6. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-talba precedenti.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 961/2006, kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-<u>24 ta` Awissu 2006</u> li taqra hekk –

*1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mart il-konvenut Mary Tania Bartolo m`hijiex ingunta bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha u ghalhekk il-gudizzju mhux integru u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-oservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi preliminarjament it-talbiet fic-citazzjoni ma jindikawx fejn sar ix-xoghol allegatament ta` skavar u ghalhekk la darba s-sit ma giex indikat mill-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*3. Fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess il-konvenut ma skavax aktar minn zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju taht il-livell tat-triq u halla d-distanzi regolamentari skond il-ligi.*

*4. Illi l-konvenut ma kkawzax danni lir-rikorrent.*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut flimkien mal-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2006 fejn, wara talba tal-atturi, innominat lill-AIC Mario Cassar bhala perit

tekniku sabiex jikkonstata f`liema stadju kien lahaq wasal ix-xoghol mill-konvenut, kif ukoll li jikkonstata jekk effettivament kienx hemm ksur tad-digriet tal-Qorti meta nhareg il-Mandat ta` Inibizzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku (fol 31 sa 35) li kienet prezentata fl-14 ta` Dicembru 2006 u mahlufa fl-udjenza tad-9 ta` Frar 2007.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` April 2007 fejn laqghet it-talba tal-perit tekniku AIC Mario Cassar, kif dedotta fir-rikors tieghu tas-6 ta` Marzu 2007, u ghalhekk tat lill-perit tekniku l-fakolta` li jaghmel *pilot holes* sabiex jikkonstata jekk il-vojt bejn il-blat skavat u l-hajt tal-*bricks* li nbena fuq in-naha tal-konvenut giex mimli bil-konkos inkella le, kif ukoll sabiex jikkonstata jekk l-istess hajt tal-*bricks* giex mimli bil-konkos ukoll.

Rat it-tieni relazzjoni tal-perit tekniku (fol 57 sa 60) li kienet prezentata fl-4 ta` Dicembru 2007 u mahlufa fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2008.

Rat in-nota tal-konvenut li kienet prezentata fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2008 fejn saret talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali (fol 63).

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-perit tekniku waqt l-udjenza tas-27 ta` Gunju 2008 (fol 67).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-konvenut (fol 69) fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2008.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Marzu 2009 (fol 72 u 73) fejn kienet rtirata mill-konvenut it-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn hatret lill-AIC Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar id-danni li allegatament garrbu l-atturi b`konsegwenza tax-xogholijiet li saru mill-konvenut u sabiex jistma l-entita` ta` dawn id-danni. Il-perit tekniku kien awtorizzat sabiex izomm seduti *occorrendo* anke access u jisma` x-xhieda bil-gurament tal-partijiet dwar l-ahhar tliet talbiet attrici u dwar l-eccezzjonijiet ghal dawn l-istess talbiet.

Rat it-tielet relazzjoni tal-perit tekniku (fol 84A sa 95) li kienet prezentata fis-26 ta` Novembru 2009 u mahlufa fis-26 ta` Jannar 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Frar 2010 (fol 98 u 99) fejn din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, ipprovdiet illi qabel issir l-eskussjoni tal-perit tekniku, wara talba mill-atturi, hija kienet sejra tisma` l-provi tal-atturi dwar l-entita` tal-hsara allegatament subita minnhom bir-riserva ghall-konvenut li jikkontrolla dawk il-provi kif ukoll li jressaq ukoll provi min-naha tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-attur, tal-Perit Joseph Attard u tal-perit tekniku fl-udjenza tal-10 ta` Mejju 2010.

Semghet ix-xhieda tal-perit tekniku, tal-Perit Joseph Attard u tal-konvenut fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2010.

Semghet ix-xhieda tal-Perit Jean Pierre Attard u tal-konvenut fl-udjenza tat-8 ta` Frar 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensur tal-atturi fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Skond l-intimat, il-fond adjacenti ghal dak tal-atturi fejn kienu qeghdin isiru x-xogholijiet in kwistjoni huwa propjeta` tieghu u ta` martu u jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejniethom (ara x-xhieda tal-konvenut a fol 69).

Fil-kawza tal-lum, l-atturi qeghdin fis-sostanza jallegaw li l-konvenut skava l-fond tieghu bi ksur tal-ligi bil-konsegwenza li huma garrbu danni. Fil-kuntest ta` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, din il-Qorti trid tara jekk ghall-validita` tal-istanza attrici kollha kemm hi, it-talbiet attrici kellhomx jigu diretti *wkoll* kontra mart il-konvenut ukoll. Jekk l-allegat agir tal-konvenut ikun att ta` amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti, allura huwa bizzejjed jekk l-azzjoni ssir kontra konjugi wiehed biss (**<u>‘Maltacom plc vs Aquilina’</u>** – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003). Jekk invece il-kaz ikun ta` att ta` amministrazzjoni straordinarja, allura sabiex il-gudizzju jkun tassew integru, l-azzjoni tkun trid issir kontra iz-zewg konjugi flimkien.

Il-materja hija regolata bl-**<u>Art.1322(3) tal-Kap.16</u>** fejn hemm lista ezawrjenti (*exhaustive*) tal-atti kollha li l-ligi trid li jitqiesu bhala atti ta` amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti. Dak li qieghed jigi allegat li sar mill-konvenut fil-kawza tal-lum mhuwiex att li huwa nkluz fil-lista. Kwindi ma hemmx bzonn li mart il-konvenut tkun parti minn din il-kawza sabiex il-gudizzju jkun integru.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Fl-**<u>Art.156(1) tal-Kap.12</u>**, il-ligi tghid *inter alia* li fir-rikors guramentat, l-attur, sabiex isahhah it-talba tieghu, ghandu jaghmel dikjarazzjoni f`paragrafi numerati separatament li tfisser b`mod car u sewwa l-oggett tal-kawza, u fejn jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment. Ghandu wkoll jaghti r-raguni tat-talba.

Qabel kienet emendata meta l-procedura tac-citazzjoni inbidlet ghal dik tar-rikors guramentat, din id-disposizzjoni nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **“<u>Moore noe vs Falzon et</u>”** (PA/AM – 15 ta` Dicembru 1995) kien deciz li –

*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anke ridotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Bonnici vs Zammit noe**” deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta` l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvenut ikun jista` jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata.*

Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li *formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi forom li jnutruh* (“**Fino vs Fabri noe**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997).

Fis-sentenza “**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**” (PA/JRM – 13 ta` Marzu 2003) jinghad hekk dwar l-element tal-kjarezza fl-att promotorju tal-istanza attrici -

*... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista` tiftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b`mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*

*... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta`*

*nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*

Din il-Qorti tghid li t-tieni eccezzjoni mhijiex fondata. Tant kien jaf ghall-izvilupp ta` liema sit l-atturi kienu qeghdin jidderigu l-istanza taghhom li mbaghad fit-tielet eccezzjoni, li tolqot il-mertu, cahdu l-allegazzjoni tal-atturi. Dan ifisser li l-impostazzjoni tal-premessi u tat-talbiet attrici kienu cari bizzejjed ghall-konvenut sabiex seta` jikkontestahom fil-mertu. Fir-rikors guramentat, hemm l-elementi kollha essenzjali biex l-istanza tista` tigi promossa u tkun sostnuta fil-mertu. Fl-istess waqt, dik l-istanza setghet tigi adegwatament kontestata mill-konvenut, kif fil-fatt sar, bla ma garrab l-ebda pregudizzju fl-impostazzjoni tal-linja difensjonali tieghu.

Fi kwalunkwe kaz, u dan in linea generali, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja ikun generalment moqdi biss b`decizjoni fuq il-punti sostantivi tal-kawza. Dak huwa li l-partijiet fil-verita` jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista` jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jinghataw interpretazzjoni rigida u maghluqa u fejn il-formalizmu jiehu s-sopravvent fuq it-twettieq tal-gustizzja skond il-ligi.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad ukoll it-tieni eccezzjoni</u>.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni talba</u>**

Din it-talba hija l-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Ghaliha l-konvenut wiegeb bit-tielet eccezzjoni. Jekk din it-talba tkun milqugha, allura jsegwi li anke l-ewwel talba tkun akkolta ghar-ragunijiet li jinghataw `il quddiem. Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis it-tieni talba l-ewwel.

Kif jistqarru l-atturi fil-premessi tar-rikors guramentat, din it-talba qeghda ssir abbazi tal-**Art.439 tal-Kap.16** li huma jallegaw li l-konvenut kiser.

Skond din id-disposizzjoni, *hadd ma jista` jhaffer fil-fond tieghu bjar, gwiebi, jew latrini, jew jaghmel thaffir iehor ghal kull hsieb li jkun, f`boghod ta` anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju.* Il-ligi ma tispecifikax li din ir-regola hi limitata ghal konfini laterali. Tfisser li kull min irid ihaffer fl-art tieghu, ghandu obbligu li jzommu d-distanza mposta mil-ligi.

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Gunju 1959 (Kollez. Vol.XLIII.I.283) fil-kawza "**Grixti et vs Schembri**" il-Qorti tal-Appell taghmilha cara li d-divjet li jsir thaffir f`distanza ta` anqas minn dik li tissemma fl-Art.439 huwa assolut. Ghalhekk *l-inosservanza ta` dik il-ligi ggib ir-responsabbilta` ghall-konsegwenzi dannuzi sofferti mill-gar fil-fond tieghu, u ggib l-obbligu tar-responsabbli li jirrimedja biex titnehha l-hsara u jitwarrab il-perikolu.*

Il-htiega li tinzamm din id-distanza hi intiza sabiex tigi evitata hsara lill-gar. Huwa propju ghalhekk li jekk jirrizulta li gar igarrab hsara ghax ma tkunx inzammet id-distanza, il-gar li haffer irid jaghmel tajjeb id-danni li kkaguna lill-parti l-ohra.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2007 (mhux appellata) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (AE) fil-kawza **<u>"Cassar et vs Attard et"</u>** jinghad hekk -

*Madankollu, fil-fehma ta` din il-Qorti, dan il-provvediment ma jimponix xi presunzjoni iuris et de iure fis-sens ta` responsabbilta` assoluta cjoe` li kull hsara li hemm fil-proprjeta` tal-gar ghandha tigi attribwita lil min jaghmel thaffir bi ksur ta` dak li jipprovdi l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili.*

*F`dan ir-rigward l-iktar li jista` jwassal dan id-divjet hi presunzjoni juris tantum. Imbaghad, fejn jirrizulta li saret il-hsara jispetta lil min ghamel it-thaffir li jiskolpa ruhu mir-responsabbilta` ghad-danni li jkun hemm fil-proprjeta` tal-gar, cjoe` li l-hsara fil-proprjeta` tal-gar ma saritx b`rizultat ta` thaffir li ghamel in kontravenzjoni tal-Artikolu 439 tal-Kodici Civili (Kap. 16).*

*Ir-regola normali hi, "the plaintiff must show, on the balance of probabilities, not only that the defendant was careless, but also that that carelessness caused, or helped to cause, the injury or damage for which he claims …. (The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley, Tieni Edizzjoni, Butterworths pagna 37), ghalkemm fejn hemm presunzjoni l-oneru tal-prova qieghed fuq il-parti li kontra taghha hemm dik il-presunzjoni.*

*Prezunzjoni assoluta ghandha tirrizulta minn provvediment tal-ligi, u fil-fehma ta` din il-Qorti, id-divjet li jimponi l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili ma ghandux jigi nterpretat f`dan is-sens.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (JRM) tad-19 ta` Mejju 2011 fil-kawza **<u>"Cassar et vs Azzopardi et"</u>**, (mhux appellata) ghamlet analizi ta` l-firxa li ghandha din id-disposizzjoni, u tal-presunzjoni li hemm marbuta maghha.

Il-Qorti qalet hekk –

*Il-ghan tal-legislatur dwar din id-dispozizzjoni – li tirreferi kemm ghat-thaffir, thammil jew ukoll xoghlijiet ohra – tahseb biss biex thares li ma jsir xejn f`fond li jista` jgib xi hsara jew li jdghajjef il-hajt li jifred dak il-fond mill-fond li jmiss mieghu. Dan jghodd kemm jekk il-hajt ikun jifred biss post mill-post ta` hdejh, u kif ukoll jekk ikun hajt li qieghed jerfa` fuqu xi bini, u mhux limitat biss ghall-hitan li jifirdu gid minn iehor fuq il-gnub izda jghodd ukoll ghall-hitan li jifirdu postijiet li jmissu ma` xulxin fuq wara …*

*Illi r-regola (divjet) tissarraf f`servitu` negativa li, madankollu, hija wahda mibnija f`termini assoluti, izda li tohloq prezunzjoni juris tantum li n-nuqqas ta` harsien tal-boghod imsemmi jkun ir-raguni ghal kull hsara li tohrog fil-hajt li qribu jew mieghu jkun sar dak it-thaffir.*

Dwar il-presunzjoni, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (PS) fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 2004 fil-kawza “**Brincat vs Salina Estates Ltd**” hadet linja differenti u qalet hekk -

*Dan l-ahhar imsemmi artikolu jippreskrivi d-distanza legali minima li kellha tinzamm fl-ezekuzzjoni ta` xogholijiet ta` thaffir. Id-divjet ta` dan id-dispost tal-ligi huwa wiehed assolut u ‘iuris et de jure’ u japplika kemm fir-rigward ta` konfini laterali kif ukoll fil-kaz fejn ikun hemm dislivell bejn il-konfini. Ifisser ghalhekk illi l-artikolu 439 jikkreja presunzjoni assoluta ta` hsara u huwa ghalhekk impellenti li tinzamm id-distanza regolamentari biex proprju jigi evitat dannu lill-vicin. Effettivament u guridikament l-applikabilita` ta` din id-disposizzjoni tipprexxindi minn kull indagini dwar xi assenza ta` potenzjalita` dannuza tal-kondotta ta` min ikun zamm distanza nferjuri ghal dik legali. L-inosservanza ta` din in-norma tal-ligi ggib b`konsegwenza r-responsabilita` ghad-danni sofferti mill-gar, u ggib ukoll l-obbligu ta` min ikkawzahom biex jirrimedja ghall-hsara”*.

Din il-Qorti kif presjeduta tghid li l-Art.439 tal-Kap.16 jimponi **<u>divjet assolut</u>** li gar jaghmel kull xorta ta` thaffir fil-fond tieghu f`distanza ta` inqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) boghod mill-hajt divizorju tal-gar. Jekk il-gar jilmenta li l-inosservanza ta` din id-distanza kkagunatlu hsara, allura ghandu jedd ghal risarciment ta` danni mill-gar li haffer bi ksur tad-divjet. It-termini tad-dritt ghal risarciment mhumiex insejsa fuq presunzjoni *juris et de jure* izda fuq **<u>presunzjoni *juris tantum*</u>**. Dan mhuwiex kaz ta` *strict liability.* Infatti lanqas il-ligi stess ma tghid li hekk hu. Fl-istess waqt ghalkemm il-prova tal-hsara trid issir dejjem jispetta lill-gar li haffer li jaghmel il-prova li n-nuqqas ta` harsien tad-distanza msemmija ma kienx ir-raguni tal-hsara lamentata mill-gar.

Dwar il-fatti tal-kaz taht ezami, jirrizulta li fl-ewwel relazzjoni, il-perit tekniku ghamel dawn <u>l-osservazzjonijiet</u> –

*1) L-iskavar sar ezatt mal-hajt tal-appogg, liema appogg affettwat huwa twil madwar ghaxar metri, u jigi fuq in-naha ta` wara tal-fond ta` l-atturi, jigifieri, fond 67, Triq l-Gholjiet, Mellieha.*

*2) Ix-xoghol tal-bini wasal fil-livell ta` semi-basement, pjan terren elevat, u l-ewwel sular min-naha ta` Triq is-Snajjin.*

Fl-ewwel relazzjoni, il-<u>konkluzjonijiet</u> tal-perit tekniku kienu dawn –

*a) … l-iskavar ma sarx 76 centimetru `l boghod mill-appogg … MC3.*

*b) ix-xoghol baqa` ghaddej b`ritmu normali, u dan fil-fatt ghadu ghaddej waqt l-access, u dan bi ksur tad-digriet ta` l-istess Qorti ghall-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 961/2006. Dok MC1.*

Min-naha tieghu, il-konvenut, kif jirrizulta mid-deposizzjoni tieghu tal- 25 ta` Ottubru 2010, jaccetta illi meta haffer il-fond tieghu ma zammx id-distanza ta` sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-hajt divizorju ghar-raguni li ghax ta` qablu hekk bnew dehrlu li anke hu kellu jaghmel l-istess.

Din il-Qorti sejra tqis l-portata legali ta` l-prova teknika.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-*

*konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kienu prezentati u mahlufa mhux biss l-ewwel izda anke t-tieni u tielet rapporti peritali, saret **biss** eskussjoni tal-perit tekniku.

Din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku kif espresso fit-tliet relazzjonijiet ghaliex huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet **teknici**.

Din il-posizzjoni hija riaffermata anke mill-fatt li l-kostatazzjonijiet u fehmiet teknici *ex parte* li l-partijiet ressqu bhala prova ma jikkontrastawx **fis-sostanza** l-fehma tal-perit tekniku.

Din il-Qorti tghid li ma hemmx ragunijiet validi u serji li jwassluha sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet peritali. L-espert kien nominat appositament sabiex jaghti l-fehma esperta tieghu. Jirrizulta li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu anke wara li acceda fuq il-post. Wiegeb ukoll bl-aktar mod car u konsistenti ghad-domandi in eskussjoni li sarulu.

Kollox konsiderat, hija l-fehma ta` din il-Qorti li ghandha taddotta fl-intier taghhom ir-rapporti tal-perit tekniku.

**Ghalhekk filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni, din il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni talba**.

**Ikkunsidrat :**

**V. L-ewwel talba**

Fl-ewwel talba, l-atturi qeghdin jitolbu l-konferma tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 961/2006.

Mhux kontestat li bid-digriet taghha tas-26 ta` Gunju 2006, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqghet it-talba tal-atturi ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru.961/2006 sabiex il-konvenut jigi inibit milli jiskava u jqatta` l-blat f`distanza ta` anqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-hajt divizorju ta` l-fond tal-atturi.

Lanqas ma huwa kontestat li s-sit li qieghed jigi zviluppat mill-konvenut jinsab f`qaghda aktar fil-baxx minn dak tar-rikorrenti li allura jinsab f`livell aktar oghli minhabba l-konfigurazzjoni tat-toroq.

Ghall-fini ta` din it-talba, u a skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-osservazzjonijiet u ghall-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fl-ewwel relazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Novembru 1991 fil-kawza "**Aquilina vs Aquilina**" inghad hekk in linea generali -

*"Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita` u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita` li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f`titolu ezekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b` hekk ma jkollux bzonn ta` aktar kawtela".*

Kien ghalhekk li saret distinzjoni bejn *id-dritt ta` kawtela* u cioe` id-dritt procedurali u *d-dritt sostantiv* li huwa haga diversa. U ghalhekk ghax huma distinti, dawn iz-zewg drittijiet ma jistghux jigu konfuzi u jsiru wiehed.

Fil-kawza "**Sullivan vs Stivala et**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1992, kienet saret talba wahda semplici u cioe` il-konferma ta` mandate kawtelatorju. Hemm il-Qorti qalet li ma hemm l-ebda fondament legali sabiex issir talba ta` dik ix-xorta stante li *"il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b`citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta` digriet gja` moghti.".*

Kull meta saru talbiet sabiex qorti tikkonferma mandat ta` inibizzjoni "***sic et simpliciter***" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta` cahda ghaliex filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt "*prima facie*", fil-

kawza trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu ("**Giordmaina vs Giordmaina**" – PA/GV - 7 ta` Novembru 1995 ; "**Axisa vs Patiniott**" – PA/AM - 21 ta` Marzu 1996 ; u "**Cuschieri vs Grech noe"** – PA/GV - 9 ta` Jannar 1997).

Fil-kawza "**Cassar vs Mallia**" (PA/JF - 22 ta` Mejju 1995) inghad hekk –

*"Li kieku l-attur strah u llimita ruhu ghall-ewwel talba biss (konferma b` mod definittiv tal-Mandat ta` Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita` tal-azzjoni attrici. F`dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal* ***"****Sullivan vs Stivala et****"*** *(13 ta` Marzu 1992) u* ***"****Galea vs Gauci****"*** *(4 ta` Ottubru 1993). A differenza ta` dawn id-decizjonijiet, l-attur zied talba addizzjonali li tindika kjarament li l-bazi tal-azzjoni attrici tohrog mill-fatt li x-xogholijiet de quo kienu qed isiru fuq proprjeta` komuni ...*"

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li ghalkemm il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel talba, eccezzjoni ta` dik ix-xorta kienet tigi respinta ghar-raguni li fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-ewwel talba attrici mhix distakkata mill-bqija tat-talbiet specjalment it-tieni talba. Fil-kaz tal-lum, l-atturi talbu mill-qorti affermazzjoni gudizzjarja tal-jedd sostantiv minnhom pretiz mhux .jedd. mhux il-kawtela perpetwa u definittiva ta` dritt "*prima facie*". Li allura jkompli jfisser li jekk id-dritt sostantiv ikun jirrizulta pruvat skond il-ligi, hemm allura l-ewwel talba tkun tista` tigi akkolta ("**Fenech et vs Malta Dairy Products Limited**" – PA/RCP – 30 ta` Ottubru 2003).

L-ewwel talba attrici kif dedotta hija proceduralment korretta. Huwa evidenti kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet l-ohra li l-iskop tal-atturi bil-presentata tal-azzjoni ma kienx semplicement sabiex izommu fis-sehh il-Mandat

ta` Inibizzjoni Nru.961/2006, u allura li jestendu d-dritt procedurali li kienu kisbu permezz tad-digriet tas-26 ta` Gunju 2006, izda riedu li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar id-dritt pretiz minnhom u cioe` id-dritt sostantiv.

**Billi din il-Qorti diga` laqghet it-tieni talba, qeghda tilqa` l-ewwel talba wkoll.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. It-tielet talba**

Fit-tieni relazzjoni tieghu, il-perit tekniku jghid li fil-parti tal-bitha ta` wara tal-binja tal-konvenut kien hemm tul ta` madwar ghaxar piedi wara l-hajt tal-appogg li ma gewx mimlija bil-konkos. In eskussjoni, il-perit tekniku xehed (ara fol 67) li l-fond tal-atturi ma garrabx problemi strutturali. F`dan il-kuntest, din il-Qorti tosserva li l-perit tekniku kellu inkariku limitat u esplorattiv. Ma kienx rikjest minnu li jaghti opinjoni dwar azzjoni rimedjali.

Meta mbaghad ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom, l-atturi, filwaqt li ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija fit-18 ta` Frar 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta (GCD) fil-kawza **‘Muscat et vs Micallef et’** talbu lil din il-Qorti sabiex, riferibbilment ghat-tielet talba, taghti l-istess rimedju li kien inghata f``dik il-kawza. Il-konvenut ma ressaq l-ebda talba sabiex iwiegeb ghal din is-sottomissjoni.

Din il-Qorti qieset bir-reqqa dak li nghad f`dik is-sentenza. Hemm il-Qorti kkunsidrat jekk ladarba kien tqatta` u tnehha l-blat, li allura ma setax jerga` jitqieghed fil-post, setax jitqieghed konkos jew materjal iehor minflok. Il-Qorti hatret perit biex jirrelata dwar jekk dak kienx teknikament possibbli u konsiljabbli. Il-perit irrelata illi

ghalkemm kien possibbli illi jinghata konkos mal-hajt li bnew il-konvenuti biex jaghmel tajjeb ghat-thaffir zejjed, dan ma kienx konsiljabbli li jsir ghax ma jzid xejn mas-sahha ta` l-istruttura u jservi biss biex jingombra l-proprjeta tal-konvenuti. Fl-istess waqt l-istess perit sostna li s-sahha strutturali tal-bini tizdied jekk il-vojt bejn il-blat imqatta` u l-qoxra li tellghu l-konvenuti jimtela` b`tahlita specjali illi taghqad u tifforma *bond* bejn il-blat u l-qoxra.

Il-Qorti kompliet hekk –

*… ghalkemm hija tal-fehma illi l-konvenuti jisthoqqilhom li jkunu mcanfra talli b`abbuz kbir kisru l-ligi, madankollu ma jidhrilhiex illi ghandha taghti rimedju li jkun biss emulattiv, ghax ifixkel lill-konvenuti bla ma jkun ta` gid ghall-atturi. Madankollu, tifhem illi l-atturi ghandhom jedd illi jsir dak li jista` jservi biex ipatti ghall-konsegwenzi tal-ghemil tal-konvenuti billi jsahhah kemm jista` l-hajt. Ghalhekk sejra tordna illi, kif irrakkomanda l-perit, il-vojt bejn il-blat imqatta` u l-qoxra mibnija mill-konvenuti jimtela` b`tahlita specjali li tghaqqad il-hajt mal-blat.*

Wara li tat debita konsiderazzjoni ghal dak sottomess mill-atturi, din il-Qorti tghid li ma ghandux jigi applikat ghall-kaz tal-lum ir-rimedju li kien adoperat fil-kawza **<u>‘Muscat et vs Micallef et’.</u>** Il-perit tekniku in eskussjoni kien car hafna li bit-thaffir li sar mill-konvenut, il-fond tal-atturi ma garrabx problemi strutturali. In eskussjoni l-atturi ma talbux mill-perit tekniku r-rimedju li kien rikjest fit-trattazzjoni tal-kawza **<u>‘Muscat et vs Micallef et’</u>**. Ghalhekk ic-cirkostanzi ta` dik il-kawza fil-fatt jiddipartixxu minn dik tal-lum.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fit-tielet talba l-punt centrali huma <u>s-sahha u</u> <u>l-istabilita`</u> tal-fond tal-atturi. Ladarba skond il-perit tekniku it-thaffir da parti tal-konvenut f`distanza ta` anqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-hajt divizorju ma kkaguna l-ebda problemi strutturali ghall-fond tal-atturi, din il-Qorti ma

tarax li ghandha tintervjeni sabiex tordna azzjoni rimedjali *ad hoc* tenut anke kont tal-fatt li ebda parti (lanqas l-atturi) ma talbet lill-perit tekniku sabiex jesprimi ruhu dwar din it-tip ta` azzjoni rimedjali.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad it-tielet talba**.

**Ikkunsidrat :**

**VII. Ir-raba`, il-hames u s-sitt talbiet**

L-atturi jsostnu li huma garrbu danni fil-fond taghhom bhala konsegwenza tal-fatt li waqt it-thaffir li sar mill-konvenut ma zammx id-distanza rikjesta skond il-ligi.

In linea ta` principju, kull min jikkawza hsara lill-gar tieghu waqt xoghol ta` kostruzzjoni, ghandu jirrispondi ghad-danni, specjalment meta, fit-twettiq ta` dak ix-xoghol, ma tkunx inzammet id-distanza imposta mil-ligi.

Fit-tielet relazzjoni tieghu, il-perit tekniku ttratta propju din il-kwistjoni.

Jirrizulta li l-fond tal-konvenut ghandu l-faccata taghti fuq it-triq li tinsab wara t-triq fejn hemm il-fond tal-atturi. Bejn il-fondi tal-partijiet, precizament fil-parti ta` wara tal-fond tal-atturi, jirrizulta li hemm madwar ghaxar metri (10m) appogg komuni.

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu, il-perit tekniku jaghmel enfasi dwar il-fatt li ma kellux hjiel dwar jekk kienx sar

*condition report* tal-qaghda tal-fond tal-atturi qabel beda l-iskavar mill-konvenut. Fil-fatt din il-Qorti tghid li in atti ma rriskontrat l-ebda *condition report* prezentat minn parti jew ohra fil-kawza tal-lum.

Ghalhekk dwar il-hsara, il-perit tekniku qaghad fuq l-esperjenza tieghu.

Skond il-perit tekniku, il-hsara li kienet ikkgunata mill-iskavar tal-konvenut bi ksur tal-Art.439 tal-Kap.16 kienet din –

1) Il-bir ma kienx qed izomm l-ilma. Kellu ghalhekk jitnaddaf u wara jitkahhlu l-konsenturi.

L-istima tal-perit tekniku ghal dan ix-xoghol kienet tammonta ghal madwar **<u>€233</u>**.

Waqt l-eskussjoni, il-perit tekniku fisser kif wasal ghal dik ic-cifra.

Din il-Qorti taqbel.

2) Irrizultaw konsenturi fi kmamar tas-sodda fil-livell ta` l-ewwel sular. Il-konsenturi kienu superficjali. Il-hitan kellhom jitbajdu.

Il-prezz tax-xoghol stmat mill-perit tekniku kien ta` madwar **<u>€750</u>**.

Waqt l-eskussjoni, il-perit tekniku fisser illi l-konsenturi kienu f`nofs il-hajt u mhux fil-kantunieri. Ghalhekk kien hemm ghalfejn isir tibjid tal-hitan fejn kien hemm il-konsenturi biss u <u>mhux il-hitan kollha.</u> (ara fol. 128).

3) Tnaddif ta` hmieg u qtar li sar meta inghata l-konkos fis-sit tal-konvenut (ara wkoll ir-ritratti mar-relazzjoni a fol. 92 et seq.)

Il-perit stima dan ix-xoghol ta` madwar **<u>€110</u>.**

Dwar il-hsara fil-madum, din il-Qorti taqbel mal-perit tekniku li dik ma kenitx konsegwenza tal-iskavar izda pjuttost (ara fol. 130 et seq) minhabba li t-tqeghid tal-madum ma kienx sar tajjeb *in principio* (ara fol. 133).

Dwar ix-xibka li tqacctet mill-konvenut sabiex ikun jista` jestendi l-appogg tieghu, ma jirrizultax illi kien hemm danni li konsegwenzjali ghall-vjolazzjoni da parti tal-konvenmut tal-art.439 tal-Kap.16.

Dwar l-ingress ta` ilma, il-perit tekniku jsostni illi tali ingress ma kienx kagun tal-iskavar li sar mill-konvenut.

Anke wara li qieset b`reqqa dak li ssottomettew l-atturi fis-sottomissjonijiet finali taghhom, u wara li qieset il-provi l-ohra akkwiziti, din il-Qorti tafferma li ma hemm l-ebda raguni fondata u plawsibbli ghaliex ma ghandhiex taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku dwar id-danni.

## VIII. <u>Decide</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**2) Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.**

**3) Tichad it-tielet talba attrici.**

**4) Tilqa` r-raba talba.**

**5) Tilqa` l-hames talba kif dedotta u ghalhekk tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont ta` elf u tlieta u disghin Ewro (€1,093).**

**6) Tilqa` s-sitt talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma hekk likwidata ta` elf u tlieta u disghin Ewro (€1,093) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**7) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru.961/2006.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------